A.L. 221 ta' l-2008

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-2008 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 u 79 ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti ta' l-2008 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D. - ippubblikati bħala Avviż Legali 137 ta' l-1998, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw minn Mejju 2008 'il quddiem.

L-Emenda għar-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Għandu jkun hemm sessjoni riparatorja ta' l-Eżami Finali f'Settembru għall-istudenti li jeħlu f'suġġett wieħed biss. L-istudenti li jeħlu f'aktar minn suġġett wieħed ikunu meħtieġa jerġgħu joqogħdu għall-eżamijiet li weħlu minnhom fis-sessjoni ta' Mejju/Ġunju tas-sena ta' wara."